MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 2008/2001/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Buttner Malta Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Dicembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' wiehed u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm51.75), u fejn intqal:**
**Illi s-socjeta` Maltacom plc ipprovdiet lis-socjeta` konvenuta diversi servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekomunikazzjonijiet bejn it-3 ta' Settembru, 1998 u t-30 t'April, 2001;**
**Illi s-socjeta` konvenuta naqset li thallas is-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm51.75) minnha dovuta tas-servizzi fuq**

**imsemmija, skond il-Ligi (Avvizi Legali 219 u 220 ta' l-1998), u dan nonostante li giet interpellata taghmel dan permezz ta' ittra ufficjali;**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Dicembru, 2001 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut deher mhux assistit u ddikjara li qed jikkontesta t-talba.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Noel Scerri, Joseph Debattista u Joseph Agius. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi s-socjeta` attrici qed titlob l-ammont ta' wiehed u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm51.75) ghall-servizz li hi allegatament ipprovdiet ghall-approvazzjoni ta' tip dwar taghmir t' apparat ta' telekomunikazzjoni, u dana is-servizz inghata bejn it-3 ta' Settembru, 1998 u t-30 t'April, 2001.**
**2. Mill-invoice Dok.NS1 esebita jirrizulta li tali approvazzjoni kien jirrigwarda fax machine importata mis-socjeta` konvenuta.**
**3. Mix-xhieda ta' Joseph Debattista, Chief Executive tas-socjeta` konvenuta, jirrizulta li kien hu stess li ha hsieb l-ipprocessar ghall-approvazzjoni ta' tip da parti ta' Maltacom plc. Jirrizulta li dan kien mar ghand is-socjeta` attrici u ma kienx ha l-apparat mieghu, u lanqas ma tahom l-ispecifications dwar l-apparat. Li gara kien illi l-impjegat tas-socjeta` attrici ittimbralu d-dokument relattiv sabiex l-apparat ikun jista' jigi rilaxxat mid-Dwana.**
**4. Ghalhekk id-domanda li jistaqsi it-Tribunal hija jekk is-semplici timbrar ta' formula, jammontax ghall dak previst fil-Ligi? Cioe` li s-socjeta` attrici tapprova it-tip ta' apparat li jkun qed jigi mpurtat jammontax fil-fatt ghall-timbru biss. Din il-kunsiderazzjoni it-Tribunal qed jaghmilha indipendentement mill-fatt jekk tali approvazzjoni kienetx ser tkun a beneficcju tas-socjeta` attrici, kif xehed l-Inginier Joseph Agius,**

**ghandu jkun, jew kienetx qed issir a beneficcju ta' terzi. L-obbligu impost mill-ligi fuq is-socjeta` attrici hija ghall-approvazzjoni ta' tip, indipendentement mill-fatt ta' min ser jibbenefika.**

5. **Hija il-fehma ta' dan it-Tribunal illi s-semplici timbrar ta' formula fih innifsu ghalkemm jawtorizza lil dak li jkun biex imexxi il-proceduri fid-dwana ghar-rilaxx tal-apparat impurtat, fil-fatt ma jammontax ghal dak li hu s-servizz kollu kif intiz fil-veru` sens tal-kelma, u kif spjegat mill-inginier Agius. Ghaliex il-fatt li jinghata servizz ta' dan it-tip, qed igib mieghu il-presunzjoni li tali apparat gie ezaminat, jew almenu gew ezaminati l-ispecifikazzjonijiet ta' tali apparat, sabiex wiehed jista' jaghti l-approvazzjoni. Ghalhekk ghalkemm inghata t-timbru, fil-verita` s-servizz kien qed jammonta ghall-ittimbrar tad-dokument relativ ghall-iskopijiet tad-Dwana, u ghall-dak t-timbru is-socjeta` attrici qed terfa responsabilita` u tippresumi li l-apparat mhux ser jinterferixxi mas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet.**

6. **Ghalhekk it-Tribunal ma jsibx li nghata s-servizz kollu kif mitlub mill-Ligi u kif rikjest mis-Socjeta` attrici stess, u konsegwentement qed jilqa' t-talba attrici biss fis-somma ta' hames liri Maltin (Lm5.00), ammont li qed jinghata arbitrio boni viri ghall-ittimbrar imsemmi.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici limitatament fis-somma ta' hames liri Maltin (Lm5.00).**

**Fic-cirkostanzi it-Tribunal hu tal-fehma li l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati kollha mis-socjeta` attrici.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**